# New Cuorey Instrumentals
## CD Album ġdid

*Joe S Grech*

Wara s-suċċess tas-CD *'Sammy Bartolo New Cuorey Il-Bajja Tal-Mellieħa'* li kien ħareġ fl-1997, ma' KTA Productions, issa ħareġ għal bejgħ CD album simili bl-isem ta': *'Joe S. Grech New Cuorey Instrumentals'*. Kif jirrifletti t-titlu, dan is-CD Album huwa strumentali, u jinkorpora s-suċċessi kollha tan-New Cuorey, inklużi d-diski li kien fih l-album ta' qablu. Il-melodija hija interpretata minn Joe S. Grech stess fuq il-kitarra.

Kienet minn dejjem il-ħolma ta' Grech, li xi darba jipproduċi album strumentali bis-suċċessi tal-grupp (li tiegħu kien il-fundatur, flimkien ma' Sammy Bartolo) u li hu minn dejjem kien jgħożż. Grech kiteb l-ewwel diski għan-New Cuorey, bħal *'Ir-Raħal'* u *'Vietnam'* fl-1973.

Minn barra n-New Cuorey, Joe kellu diversi esperjenzi bħala mużiċist u kitarrista; kemm f'Malta kif ukoll barra.

Huwa qatt ma waqaf mill-mużika u llum insibuh jieħu sehem f'diversi attivitajiet mużikali u importanti f'Malta.

Joe huwa miżżewweġ lil Alice, u f'dawn l-aħħar 11-il sena, huma jagħtu sehemhom f'diversi ristoranti u lukandi f'Malta, bid-duo *'Joe & Alice'*, b'Joe fuq il-kitarra u *backing vocals*, u martu Alice bħala *vocals*.

It-tfal tagħhom Julian u Chris huma membri fir-Rock u Doom bands, *Frenzy Mono* u *Nomad Son*, li qed jagħmlu suċċess kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. (ara l-Malta Musical awards ta' 2010 fejn bħala *Frenzy Mono* ħadu *Best CD Cover* għall-album *O.B.E.*, u bħala *Nomad Son* ħadu *Best Heavy Metal Band* u *International Achievement Award*).

Joe kien ħadem bis-sħiħ, u flimkien ma' Mro. Paul Abela, ipproduċa l-album ta' qabel, għal Sammy.

Barra dan l-album, Joe kien ipproduċa album ieħor bl-isem ta' *The Captain Album*, ad unur ta' Mro Carmel Muscat.

### Konnessjoni mas-Soċjetà Tagħna

Joe flimkien ma' martu Alice dejjem taw sehemhom bil-mużika u l-kant sabiħ tagħhom, kull meta l-President u l-kumitat tagħna għoġbu jistedinhom biex jieħdu sehem fl-attivitajiet konnessi mal-każin, speċjalment meta kantaw fil-Vitorja li għaddiet mal-banda ta' San Bastjan.



L-album il-ġdid ta' Joe jinkludi sbatax-il diska, li llum huma fost l-aqwa *Evergreens* tal-Mużika Maltija. Għaxra minn dawn is-sbatax huma miktubin minnu stess. Fost id-diski, f'dan l-album insibu wkoll *'Id-Dgħajsa tal-Latini'* u *'Ir-Raħal'*, b'arranġament strumentali ġdid li sar minn Grech stess. Huwa ma naqasx li jikteb diska ddedikata lill-ikbar ħabib ta' ħajtu, il-kantant tan-New Cuorey - *Sammy Bartolo*, bl-isem ta' *'Leħen F'Tarf il-Wied (Tislima lil Sammy Bartolo)'*. Din id-diska li tagħlaq l-album, kienet miktuba f'Novembru tal-1997 minn

Grech stess fuq kliem ta' Alfred C. Sant, fil-ġurnata li Sammy mar jiltaqa' mal-Ħallieq.

Din is-CD żgur se tkompli tikkumplimenta s-suċċessi tan-New Cuorey, kif ukoll il-Musical għaċ-Ċinema, li hu maħdum madwar id-diski tan-New Cuorey, li se joħroġ dalwaqt, bl-isem *'Imħabba fuq il-Għolja'*.

Is-CD jinsab għall-bejgħ għand
Anthony D'Amato tal-Belt,
jew
Joe S. Grech
email: joealice258@gmail.com
Mob: 9983 8477

L-ALBUM:
Joe S Grech
New Cuorey Instrumentals.

Il-Bajja tal-Mellieħa
L-Aħħar Bidwi f'Wied il-Għasel
Id-Dgħajsa tal-Latini
Riviera Blu
Sejjieħ
Poeżija
Bħal da żmien konna Flimkien
Poeżija Mħabba u Melodija
Vietnam
Ir-Raħal
Il-Vitorja
It-Tunnara
Għanja lill-Aħrax
Kanta o Malta Kanta
Għajnejn Sbieħ
Kemm Hu Sabiħ
Leħen f'Tarf il-Wied
(Tislima lil Sammy Bartolo)

J. Vella

Għal
kull xogħol
ta' kisi, żebgħa
u tikħil fuq il-fil.

200, Triq Vincenzo Ciappara,
Il-Mellieħa - Malta
**Mob: 9949 5126**

IR-RAZZETT

FRESH FRUIT & VEGETABLES

244, Main Street, Mellieħa - Malta
Tel: 21 521473
Mobile: 9944 6545

FREE DELIVERIES

